**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' April, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 138/2022**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***VS.***

***ALAN BONNICI U CASSANDRA BONNICI***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha ta' HSBC Bank Malta p.l.c, wara li ġiet ippreżentata nota ta' ammissjoni għalihom min-naħa tal-konvenuti;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**<u>18 ta' Frar, 2022</u>**, il-bank rikorrenti fisser li huwa sellef l-ammont ta' €248,040 lil Alan Bonniċi u Cassandra Bonniċi b'kuntratt tal-4 ta' Frar, 2015 u dan wara li nħarġitilhom *sanction letter* fis-27 ta' Novembru, 2014. Il-bank rikorrenti jgħid li l-konvenuti għandhom iħallsuh is-somma sħiħa ta' €231,603.36 maqsuma hekk: (i) €198,685.15 bħala bilanċ mill-ammont misluf lilhom; u (ii) €32,918.21 bħala mgħax li laħaq inġema' sat-3 ta' Frar, 2022. Barra minn dan l-ammont, il-bank rikorrenti jgħid li

jrid ukoll li jiġbor mingħandom l-imgħax legali mill-4 ta’ Frar, 2022 sad-data tal-ħlas kollu tad-dejn;

3. Minkejja li l-konvenuti ġew mitluba jħallsu d-dejn tagħhom, anke permezz ta’ ittra uffiċjali tat-8 ta’ Frar, 2021, dawn baqgħu ma ħallsux kollox. Minħabba f’hekk, il-bank rikorrenti fetaħ din il-kawża u talab lil din il-qorti sabiex:

> *«i. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta’ mitejn wieħed u tletin elf sitt mija u tliet Ewro u sitta u tletin ċentenżmu (€231,603.36) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-4 ta’ Frar 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;*
>
> *ii. Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta’ mitejn u wieħed u tletin elf sitt mija u tliet Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€231,603.36) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-4 ta’ Frar 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 544/21 datata 8 ta’ Frar 2021 u tal-mandat ta’ sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma’ din il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenuti ġew notifikati bir-rikors maħluf fit-**<u>28 ta’ Marzu, 2022</u>** (ara paġna 63 tal-atti) u għażlu li ma jdaħħlux risposta maħlufa;

5. Fis-seduta tat-**<u>22 ta’ April, 2022</u>**, deher għas-seduta l-avukat Kris Busietta għan-nom tal-konvenuti, li ppreżenta nota ta’ ammissjoni quddiem il-qorti għat-talbiet tal-bank rikorrenti. Din in-nota ġiet maħlufa u ffirmata mill-konvenut Alan Bonniċi taqra hekk:

> *«1. Nota ta’ Alan Bonniċi et*
>
> *Li permezz tagħha qegħdin jammettu t-talbiet rikorrenti.»*

6. Dakinhar stess il-partijiet qablu li l-kawża tista’ tgħaddi għas-sentenza li qiegħda tingħata llum;

***Fatti***

7. B'*sanction letter* maħruġa fis-27 ta' Novembru, 2014, il-bank rikorrenti aċċetta li jsellef lill-konvenuti is-somma ta' €248,040 (ara paġni 19 sa 28 tal-atti). Skont il-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, il-konvenuti kellhom jaqtgħu s-self billi jwettqu 384 pagament ta' €1,060.49 kull xahar;

8. Dan is-self ġie mwettaq b'kuntratt tal-4 ta' Frar, 2015, fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (ara minn paġni 4 sa 18 tal-atti);

9. Skont rendikont mehmuż mar-rikors maħluf jirriżulta li l-konvenuti ma kinux qegħdin iżommu mal-programm ta' ħlasijiet maqbul minnhom mal-bank rikorrenti (ara minn paġni 54 sa 56 tal-atti);

10. B'ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar, 2021 (ara paġni 57 u 58 tal-atti), il-bank rikorrenti wissa lill-konvenuti li huma kienu sejrin jitilfu l-benefiċċju taż-żmien u kif ukoll jeħlu l-imgħax bir-rata ta' 8%, jekk fi żmien ħmistax-il jum huma ma jagħmlux tajjeb għall-pagamenti kollha li kien waqgħu lura fihom;

11. Aktar tard, fit-18 ta' Frar, 2022 saret din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija dwar radd lura ta' flus mogħtija mill-bank rikorrenti lill-konvenuti, li baqgħu ma ġewx mgħoddija lura. Minbarra dan, il-bank irid jiġbor ukoll l-imgħax li nġema' fuq il-kapital minħabba li l-konvenuti ma ħallsux fiż-żmien maqbul;

13. Illi l-konvenuti ippreżentaw nota waqt is-seduta tat-22 ta' April, 2022, fejn fiha huma ammettew għat-talbiet kollha mressqa mill-bank rikorrenti;

14. Bil-liġi, skont l-**artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**,

> *«Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.»*

15. Dwar l-ammissjoni, il-Qorti tal-Appell qalet fis-sentenza tagħha ***Kimberley Joy Agius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2010,

> *«Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara "**Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et**", Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970.»*

16. Ta' min jingħad ukoll, li l-ġurisprudenza tgħidilna li meta qorti jkollha quddiemha ammissjoni tal-konvenut hija trid timxi billi tilqa' t-talbiet attriċi u mhux li tiddikjara li l-mertu huwa eżawrit (ara ***Maria Grima v. Alfred Attard et*** deċiża mill-Qorti tal- Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020);

17. F'dan il-każ, il-qorti rat l-ammissjoni tal-konvenuti, li biha ddikjaraw li t-talbiet tal-bank rikorrenti għandhom jintlaqgħu eżatt kif mitluba. Għalhekk, la hemm qbil min-naħa tal-konvenuti li joqogħdu għat-talbiet tal-bank rikorrenti, allura l-qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tidħol biex tgħarbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-bank rikorrenti. Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess;

18. Il-qorti ttemm billi tgħid li din is-sentenza qiegħda tingħata b'ħarsien mat-terminu ta' disgħin jum imsemmi fl-**artikolu 219A tal-Kap 12 tal-Liġijiet**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **<u>tilqa'</u>** t-talbiet kollha kif imressqa mill-bank rikorrenti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti, magħdud magħhom ukoll l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar, 2021 u l-mandat ta' sekwestru li ġie ppreżentat flimkien ma' din il-kawża.

---

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**